

MALTA EU2017

# Il-prijoritajiet tal-**KESE** matul **il-Presidenza Maltija**

Jannar – Ġunju 2017

**Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew**

# Kelmtejn mill-President

Il-presidenza tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea li tibda f'Jannar 2017 ser tkun l-ewwel waħda għal Malta. Fi żmien meta l-koeżjoni tal-Unjoni Ewropea qed tiġi ttestjata wara r-riżultat tar-referendum tal-Brexit, meta l-kriżi tar-refuġjati ma naqset xejn u meta l-fiduċja tan-nies fil-proġett Ewropew qiegħda tbatti, u b'hekk ikompli jitrewwaħ il-populiżmu, huwa f'idejn Malta li, permezz tal-proċeduri stabbiliti tal-Kunsill, taqdi rwol importanti biex tikkontribwixxi għall-unità minflok għad-deċiżjonijiet unilaterali. Ninsab konvint li, minkejja li hi nazzjon żgħir, Malta kapaċi tintroduċi b'suċċess era ġdida għall-Ewropa.

Ninsab partikolarment kuntent dwar il-fatt li l-prijoritajiet tal-Presidenza Maltija jinkludu proposti mressqa mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. Għal ħafna snin il-Kumitat tagħna, fl-Opinjonijiet tiegħu, ġibed l-attenzjoni lejn l-importanza tal-istrateġija tal-iżvilupp blu biex jinħolqu l-impjiegi fil-pajjiżi kostali u biex jitħares l-ambjent.

Ma nistgħux inħarsu lejn il-Mediterran bħala ċimiterju marittimu għall-eluf ta' ħajjiet mitlufa. Huwa żona ta' kooperazzjoni, sigurtà u koeżistenza armonjuża li, fi ħdanu, il-pajjiżi ġirien huma msejħa jaħdmu flimkien għal soluzzjonijiet li jiżguraw mhux biss li r-refuġjati ma jkollhomx għalfejn jirriskjaw li jitilfu ħajjithom matul vjaġġi perikolużi, iżda wkoll li n-nies, inklużi ż-żgħażagħ, tal-pajjiżi kkonċernati jista' jkollhom perspettiva ottimista tal-futur tagħhom, b'aċċess għas-suq tax-xogħol u paga deċenti.



Il-ġestjoni tal-**flussi tal-migrazzjoni** tirrikjedi impenn komuni mill-Istati membri tal-UE għal soluzzjoni Ewropea bbażata fuq il-kooperazzjoni mill-qrib mal-pajjiżi ta' oriġini jew ta' tranżitu li ma jagħmlux parti mill-UE, u wkoll fuq kooperazzjoni mill-qrib ibbażata fuq is-solidarjetà fost l-Istati Membri nfushom. Nittama li l-Presidenza Maltija ser tieħu l-inizjattivi kollha meħtieġa. Ninsab fiduċjuż li ser jirnexxielha tlaqqa' flimkien it-tendenzi opposti u tressaq soluzzjonijiet li kulħadd isegwi.

Fir-rigward tal-aħħar żviluppi politiċi, mhuwiex sorprendenti li matul perjodu twil ta' kriżi ekonomika, iċ-ċittadini Ewropej iħossuhom maqtugħin minn dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Huma jħossu li l-Ewropa ma tikkonċernahomx. Fil-konfront ta' din ix-xejra, għandna nirreaġixxu permezz ta' aktar, u mhux anqas, Ewropa.

Il-ħolqien ta' **pilastru tad-drittijiet soċjali** għandu jibni fuq l-acquis soċjali tal-UE u jespandi fuqu biex juri d-direzzjoni li għandhom jieħdu l-politiki f'għadd ta' oqsma li huma kruċjali għall-funzjonament bla xkiel u ġust tas-swieq tax-xogħol u tas-sistemi ta' protezzjoni soċjali, bl-għan aħħari li tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali. Il-Kumitat, li jemmen li l-interessi taċ-ċittadini Ewropej għandhom ikunu dejjem fuq quddiem, jappoġġja din il-proposta mill-Kummissjoni u jittama li l-Presidenza Maltija ser tgħin biex l-affarijiet jimxu f'din id-direzzjoni.

In-nies insew il-gwerer tal-passat u jqisu l-paċi bħala xi ħaġa garantita. Iżda **l-paċi hija premju** li wieħed għandu dejjem jaħdem għalih. Bħala l-garanti prinċipali ta' żona ta' paċi u prosperità għaċ-ċittadini tagħha, l-UE trid tkun imħarsa. L-iskop tal-identità Ewropea huwa speċifikament **li jitneħħa d-distakk bejn iċ-ċittadini u l-istituzzjonijiet Ewropej** u li ċ-ċittadini tal-Istati Membri jifhmu li, lil hinn mill-karatteristiċi partikolari ta' pajjiżhom, huma marbuta minn tradizzjoni u wirt kulturali Ewropej komuni. Huma jħaddnu futur komuni. Għalhekk ninsab fiduċjuż li l-identità Ewropea ser tkun stabbilita sew taħt il-Presidenza Maltija u li ser ikollha karattru distintiv fiha nnifisha, investiment fil-wirt kulturali tal-Ewropa.

Fil-25 ta' Marzu 2017 ser jiġi ċċelebrat is-**sittin anniversarju tat-Trattat ta' Ruma**. Fil-Preambolu għat-Trattat, il-firmatarji jiddikjaraw li huma "determinati li jistabbilixxu s-sisien ta' għaqda dejjem akbar fost il-popli Ewropej, deċiżi li jassiguraw il-progress ekonomiku u soċjali ta' l-Istati tagħhom b'ħidma komuni fit-tneħħija tal-barrieri li jaqsmu l-Ewropa, filwaqt li jassenjaw lill-isforzi tagħhom l-għan ewlieni li jtejbu kostantement l-għajxien u l-kondizzjonijiet tax-xogħol tal-popli tagħhom".

Malta għandha l-unur, iżda wkoll ir-responsabbiltà, li tagħti ħajja ġdida lil din il-ħidma. Hija ser issib li l-KESE huwa alleat affidabbli f'dan il-kompitu.

***Georges DASSIS***
*President tal-KESE*

# Kelmtejn mill-membri Maltin tal-KESE

L-ewwel rwol tagħna meta nieħdu r-riedni tal-Presidenza tal-Kunsill tal-UE f'idejna inzerta fi żmien meta l-Ewropa qed tiffaċċja sfidi li qatt ma esperjenzat bħalhom qabel: il-Brexit u l-migrazzjoni, biex insemmu tnejn mill-kwistjonijiet ewlenin. **L-influss ta' immigranti irregolari** u l-kriżi tar-refuġjati sabu li l-Ewropa mhijiex lesta u, barra minn hekk, ġabu magħhom sfidi kbar għas-sigurtà. Matul il-Presidenza tagħha tal-Kunsill Ewropew, Malta ser tpoġġi s-**sigurtà** u l-ġlieda kontra **t-terroriżmu** fuq nett fuq l-aġenda: is-sigurtà Ewropea hija impossibbli mingħajr il-paċi u s-sigurtà fil-Mediterran. F'dan il-kuntest, pajjiżna ser jagħmel ħiltu biex isaħħaħ il-Proċess tal-Euromed.

Element importanti ieħor tal-programm tal-Presidenza huwa l-**leġislazzjoni tas-Suq Uniku**, inkluż is-suq uniku diġitali, l-unjoni tal-enerġija u l-unjoni tas-swieq kapitali. Barra minn hekk, l-Opinjonijiet esploratorji mitluba mill-KESE min-naħa tal-Presidenza ser jittrattaw l-istrateġiji tad-diversifikazzjoni tat-turiżmu nawtiku u marittimu, b'enfasi kbira fuq is-**sostenibbiltà**, u l-kwistjoni tat-territorju inklużiv tal-gżejjer fl-UE.

L-ospitalità u t-turiżmu għandhom rwol importanti fl-ekonomiji tal-Istati Membri kollha tal-UE. Madankollu, ta' spiss la jiġu ċċelebrati u lanqas rikonoxxuti bħala parti minn industrija li timpjega mijiet ta' eluf ta' nies u l-industrija li kienet l-aktar reżiljenti wara l-kollass finanzjarju tal-2008. Il-KESE ser iħejji Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar **it-turiżmu kostali u marittimu** li ser tfittex li tidentifika l-aqwa prattiki għal din l-industrija u tipprovdi bosta rakkomandazzjonijiet għar-reġjuni li llum il-ġurnata jbatu minn nuqqas ta' opportunitajiet ta' impjiegi u investiment.

**L-edukazzjoni, l-enerġija, il-faqar u l-inklużjoni soċjali** huma wkoll elementi li jiffurmaw parti mill-aġenda tagħna matul il-Presidenza Maltija. B'mod partikolari, ser nikkonċentraw fuq it-tip ta' edukazzjoni li jwassal għal impjiegi deċenti u ta' kwalità għolja, bħala għodda biex jiġi miġġieled l-impjieg prekarju u l-faqar. Tnejn mill-Opinjonijiet esploratorji li ntalbu huma relatati mill-qrib ma' dan il-kunċett: Edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd u Titjib tal-kompetenzi ta' persuni fis-suq tax-xogħol. Aħna nemmnu li l-edukazzjoni u t-taħriġ mill-ġdid għandhom ikunu pjattaforma bażika għaċ-ċittadini biex isibu posthom fi ħdan il-komunità. Dan imbagħad iwassal għas-sigurtà, il-governanza tajba, it-tqassim aħjar tal-ġid, provvista stabbli tal-enerġija u l-impatt tat-tibdil fil-klima, jew tal-inqas jinfluwenzahom. Dawn jiġu segwiti mit-titjib tas-servizzi finanzjarji, id-drittijiet u d-dmirijiet soċjali u l-ġlieda kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Id-dimensjoni Mediterranja ser toħroġ fid-dieher f'dawn il-punti kollha. F'dan il-kuntest, aħna tal-fehma li l-imsieħba soċjali ta' Malta li għandhom rwol kruċjali x'jaqdu għandhom jagħtu l-kontribut tagħhom.



# Il-membri Maltin tal-KESE



**Stefano MALLIA**
**Grupp ta' Min Iħaddem**
*Eks-President tal-Kamra tal-Kummerċ, Intrapriża u Industrija ta' Malta*
*Stefano.mallia@mt.gt.com*



**Philip VON BROCKDORFF**
**Grupp tal-Ħaddiema**
*Konsulent, UĦM, Voice of the Workers*
*philipvonbrockdorff@yahoo.co.uk*



**Benjamin RIZZO**
**Grupp ta' Interessi Varji**
*President tal-Kumitat tas-Soċjetà Ċivili ta' Malta, li jirrappreżenta l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ta' Malta*
*benrizzo@go.net.mt*



**Tony ZAHRA**
**Grupp ta' Min Iħaddem**
*President, Malta Hotels & Restaurants Association*
*tonyzahra@alpinemalta.com*



**Charles VELLA**
**Grupp tal-Ħaddiema**
*(BA (Hons), Int. Rel.)*
*Uffiċjal Eżekuttiv responsabbli mir-Riċerka u l-Informazzjoni, General Workers' Union*
*charles.vella@eesc.europa.eu*

# Il-prijoritajiet tas-soċjetà ċivili Ewropea matul il-Presidenza Maltija



Din il-Presidenza ġiet f'mument kruċjali għall-Ewropa. Minbarra l-ħidma tagħha fuq id-diversi sfidi politiċi, ekonomiċi u soċjali li l-UE teħtieġ li tindirizza mingħajr dewmien, il-presidenza ser ikollha wkoll il-kompitu ewlieni li tikkommemora s-sittin anniversarju tat-Trattati ta' Ruma f'Marzu 2017 u, f'dik l-okkażjoni, ser tikkonkludi l-**proċess ta' riflessjoni dwar il-futur tal-UE** li tnieda mill-Kapijiet ta' Stat jew Gvern f'Settembru 2016 fi Bratislava. Il-Kummissjoni hija mistennija li tispjega tali viżjoni għall-futur f'White Paper, li ser tindirizza b'mod partikolari l-ħtieġa **għat-tisħiħ u r-riforma tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja** (UEM) **tagħna**.

Filwaqt li jqis dawn l-iżviluppi, il-KESE ser ikompli **l-ħidma ta' prijorità tiegħu fuq l-ikkompletar tal-UEM** billi jiddiskuti ma' dawk responsabbli għat-teħid tad-deċiżjonijiet fil-livell Ewropew u nazzjonali dwar il-pożizzjonijiet konsenswali tal-partijiet interessati rilevanti kollha tas-soċjetà ċivili kif maqbul fl-Opinjonijiet reċenti tal-Kumitat dwar dan is-suġġett. Il-KESE diġà għamel numru ta' proposti għall-iżvilupp tal-UEM fuq perjodu qasir, medju u twil ta' żmien. Issa dawn ser jagħtihom segwitu, notevolment billi jorganizza **konferenza ta' livell għoli dwar l-UEM futura** bi tħejjija għas-Summit ta' Marzu 2017 u l-White Paper tal-Kummissjoni.

Fil-kuntest tas-semestru Ewropew tal-koordinazzjoni tal-politika ekonomika, il-KESE ser jippreżenta r-**rakkomandazzjonijiet tas-soċjetà ċivili dwar il-politiki neċessarji għaż-żona tal-euro**. F'Opinjoni oħra, il-Kumitat beħsiebu jindirizza wkoll il-problema tal-inugwaljanza tal-ġid fl-Ewropa u jniedi diskussjoni pubblika fuq skala wiesa' dwar din il-kwistjoni li tista' possibbilment tipprovdi input għal proposti futuri ta' politika mill-Kummissjoni Ewropea f'dan il-qasam.

Il-Kumitat ser jikkontribwixxi l-pożizzjoni tiegħu għar-rieżami obbligatorju ta' nofs it-terminu tal-**qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2014-2020**, filwaqt li jibni fuq ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika tiegħu li ressaq f'Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar "baġit tal-UE ibbażat fuq il-prestazzjoni ffokat fuq riżultati reali".

Fir-rigward tat-tassazzjoni indiretta, il-Presidenza ser tkun ikkaratterizzata mill-isforz biex tiġi sostanzjalment riformata u **mmodernizzata s-sistema Ewropea tal-VAT**. Il-KESE ser jikkontribwixxi għal dibattitu ta' orjentazzjoni dwar proposti leġislattivi li jirriżultaw mill-"Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT", li dwaru l-KESE ppreżenta s-sejbiet u r-rakkommandazzjonijiet tiegħu. B'mod partikolari, il-KESE ser jikkontribwixxi għat-tfassil tal-**Pakkett (elettroniku) tal-VAT fis-Suq Uniku Diġitali**. Fil-qasam tat-tassazzjoni diretta, il-KESE ser jikkontribwixxi għall-**pakkett mistenni tat-tassazzjoni korporattiva** li ser jinkludi l-kwistjoni li ilha fis-seħħ ta' **bażi komuni konsolidata tat-taxxa korporattiva** (CCCTB), ir-riżoluzzjoni tat-tassazzjoni doppja u d-diskrepanzi ibridi ma' pajjiżi terzi.

Fir-rigward tas-swieq finanzjarji u l-finanzjament tal-ekonomija, il-perjodu li ġej ser ikompli jkun ikkaratterizzat minn sforzi biex tinħoloq Unjoni tas-Swieq Kapitali Ewropej ġenwina (CMU), u l-KESE ser jaħdem fuq inizjattivi leġislattivi bħall-emendar tar-**Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital (CRR)** sabiex jiġu inkorporati l-modifiki għall-qafas ta' Basel u fuq **l-irkupru u r-riżoluzzjoni tal-kontropartijiet ċentrali**. Il-KESE ser jikkummenta wkoll dwar il-**qafas regolatorju ġenerali tal-UE għas-servizzi finanzjarji**, fejn il-Kummissjoni qed tfittex li tidentifika inkonsistenzi, inkoerenzi u lakuni potenzjali fir-

regoli finanzjarji, kif ukoll piżijiet regolatorji mhux meħtieġa u fatturi li jaffettwaw b'mod negattiv l-investiment u t-tkabbir fit-tul. Barra minn hekk, il-Kumitat ser jeżamina l-White Paper dwar ir-riżami tal-mudell ta' finanzjament għall-Awtoritajiet Superviżorji Ewropej. Fi sforz biex jikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni tat-tkabbir u l-impjieg, il-KESE ser iressaq rakkomandazzjonijiet għal dawk li jfasslu l-politika dwar l-estensjoni taż-żmien tal-**Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS 2.0)** u dwar il-miżuri u l-azzjonijiet fil-qafas tal-inizjattiva **"Ngħinu lill-SMEs u n-negozji l-ġodda jikbru"**.

L-inugwaljanza, il-faqar u l-esklużjoni soċjali għadhom qed jiżdiedu, u għalhekk il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) beħsiebu jkompli jiffoka fuq il-**mudell soċjali Ewropew**, billi jpoġġi enfasi speċjali fuq l-istabbiliment ta' pilastru Ewropew tad-drittijiet soċjali. Il-ħolqien tal-impjiegi għadu prijorità ewlenija u l-KESE ser jiffoka fuq politiki innovattivi li jilħqu bilanċ tajjeb bejn il-preokkupazzjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali. Għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-miżuri li jżidu l-kwalità tal-impjieg u jeliminaw l-ostakli għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, speċjalment għaż-żgħażagħ, il-persuni li ilhom qiegħda, il-migranti u r-refuġjati.

Il-KESE ser jippromovi wkoll **xogħol deċenti u mobbiltà aktar ġusta tal-forza tax-xogħol**, speċjalment fir-rigward tal-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-pagi. Il-Kumitat ser iħares lejn l-impatt tat-transizzjoni diġitali u tat-transizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u ekoloġika fuq l-impjiegi, il-ħiliet, s-sigurtà soċjali u l-liġi tax-xogħol. B'mod aktar speċifiku, fuq talba tal-Presidenza Maltija, il-KESE ser jagħmel rakkomandazzjonijiet dwar it-titjib tal-ħiliet tal-persuni fis-suq tax-xogħol fil-kuntest tal-ħidma tiegħu fuq l-aġenda tal-UE għal ħiliet ġodda kif ukoll fuq edukazzjoni ta' kwalità għolja għal kulħadd.

Il-KESE ser ikompli bl-isforzi tiegħu biex isaħħaħ id-drittijiet fundamentali u jiġġieled id-diskriminazzjoni u l-esklużjoni. B'mod partikolari, il-Kumitat ser ikompli jappoġġja **politika ta' migrazzjoni aktar miftuħa** u **politika tal-asil tassew komuni** abbażi ta' solidarjetà akbar u responsabbiltà kondiviża fl-Unjoni Ewropea. Ser jaħdem sabiex jiżgura rikonoxximent aħjar tal-kontribut li l-migranti jagħtu lill-ekonomija u s-soċjetà **Ewropea**, jippromovi **l-integrazzjoni tagħhom fis-suq tax-xogħol u s-soċjetà inġenerali**, jappoġġja t-titjib tal-edukazzjoni u t-taħriġ tagħhom, u jkompli jsejjaħ sabiex id-drittijiet fundamentali tagħhom jiġu rispettati b'mod sħiħ. Il-KESE ser jikkontribwixxi wkoll għall-evalwazzjoni tal-leġislazzjoni eżistenti dwar il-migrazzjoni legali.

Il-KESE ser jikkontribwixxi, permezz ta' Opinjoni fuq inizjattiva proprja, għall-proċess tar-riżami tal-Politika Agrikola Komuni (PAK) wara l-2020 bil-għan li tkun aktar ekoloġika u aktar effiċjenti. Huwa ser ikompli jaħdem għall-implimentazzjoni prattika tal-valutazzjoni tal-impatt territorjali tal-politiki kollha tal-UE, magħrufa bħala "verifika rurali" fid-Dikjarazzjoni ta' Cork tal-2016 "Ħajja aħjar fiż-**Żoni Rurali**". Permezz tal-Grupp ta' Studju Permanenti tiegħu dwar **Sistemi Sostenibbli tal-Ikel**, il-KESE ser ikompli jenfasizza l-ħtieġa li jiġu indirizzati d-diversi konsegwenzi ekonomiċi, ambjentali u soċjali tal-produzzjoni u tal-konsum tal-ikel b'approċċ olistiku u integrat. Barra minn hekk, ser isejjaħ għal politika tal-ikel komprensiva u jippromovi produzzjoni agrikola iżjed sostenibbli, distribuzzjoni aktar ġusta fil-katina tal-provvista tal-ikel u t-tnaqqis u l-prevenzjoni tal-ħela tal-ikel.

L-implimentazzjoni tal-eżitu tas-Summit ta' Pariġi dwar it-**tibdil fil-klima** (COP21) hija prijorità importanti ħafna għall-KESE. Ir-rwol tas-soċjetà ċivili fl-azzjoni dwar il-klima, il-bini ta' koalizzjonijiet mal-awtoritajiet territorjali, is-semplifikazzjoni tal-kunsiderazzjonijiet klimatiċi fil-politiki kollha tal-UE u l-promozzjoni tat-transizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' karbonju, ser tkun il-prijorità ewlenija tal-KESE. Permezz tal-koalizzjoni ġdida dwar "Il-governanza f'diversi livelli u b'diversi partijiet interessati għal implimentazzjoni aktar rapida, effettiva u inklużiva tal-Ftehim ta' Pariġi", il-KESE ser jippromovi l-involviment minn isfel għal fuq ta' atturi differenti f'diversi proġetti ta' azzjoni klimatika.

Il-kontribut għall-implimentazzjoni prattika tal-**Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli** globali ser ikun ukoll prijorità fuq l-aġenda tal-Kumitat. Il-ħolqien ta' Forum Ewropew dwar l-Iżvilupp Sostenibbli għandu jrawwem djalogu bejn l-istituzzjonijiet Ewropej u firxa wiesgħa ta' rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, joħloq sens ta' responsabbiltà u jinvolvi lis-soċjetà ċivili fil-proċess ta' monitoraġġ. Fil-qasam tal-**ekonomija ċirkolari**, l-organizzazzjoni ta' pjattaforma flimkien mal-Kummissjoni Ewropea li tinvolvi partijiet interessati u esperti mhux governattivi ser tgħin biex jiġi implimentat il-pjan ta' azzjoni tal-Kummissjoni dwar l-ekonomija ċirkolari. Il-KESE ser jippromovi l-Opinjoni tiegħu tal-2016 dwar ir-riżami ta' nofs it-terminu tal-Istrateġija tal-UE dwar il-Bijodiversità bil-għan ewlieni li jagħmel pressjoni fuq il-Kummissjoni u l-Istati Membri tal-UE biex jirrispettaw l-impenji preċedenti tagħhom.

Biex ikompli bl-isforzi li jilħaq l-għanijiet tiegħu fil-monitoraġġ tat-tendenzi u t-tressiq ta' proposti dwar il-kwistjonijiet rilevanti li jaffettwaw il-konsumaturi, il-Kumitat ser jorganizza d-19 il-**Jum Ewropew tal-Konsumatur** annwali f'Malta fil-21 ta' Marzu 2017. Il-KESE ser ikompli bil-ħidma tiegħu fil-qasam tal-**intrapriża soċjali u l-ekonomija soċjali**. Minbarra li jissorvelja u jevalwa l-iżviluppi politiċi fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri, huwa ser jidentifika miżuri speċifiċi biex jittejjeb l-ambjent ġenerali tal-intrapriżi tal-ekonomija soċjali, ixerred l-aqwa prattiki fl-Istati Membri u jsaħħaħ il-viżibbiltà tas-settur. **Il-forom ġodda ta' produzzjoni u konsum**, bħall-ekonomija kollaborattiva, ser ikunu fuq l-aġenda tal-KESE. Il-KESE kien minn ta' quddiem fl-indirizzar ta' dawn it-tendenzi u qed iħejji Opinjoni fuq inizjattiva proprja dwar l-ekonomija funzjonali. Il-ħidma mwettqa dwar il-**mudelli ekonomiċi ġodda**, notevolment l-ekonomija kollaborattiva u l-ekonomija funzjonali, ser tieħu approċċ aktar ikkoordinat, u torbot b'mod ċar ir-rwol ta' dawn it-tendenzi l-ġodda fl-indirizzar tal-isfidi tal-Ewropa f'dak li jirrigwarda s-sostenibbiltà. Fil-fatt, f'dawn l-aħħar snin, l-ekonomija l-ġdida, li tfaċċat mal-millennju l-ġdid, qed ixxerred fis-soċjetajiet

. . .

tagħna prattiki ġodda (id-diġitalizzazzjoni, l-ekonomija ċirkolari, l-ekonomija kollaborattiva, l-"uberizzazzjoni", eċċ.) li qed iħarbtu l-prattiki kummerċjali, professjonali, politiċi u ċiviċi tagħna. F'kelma waħda, is-soċjetajiet tagħna għaddejjin minn trasformazzjoni kbira, u din it-trasformazzjoni tikkonċerna prinċipalment lill-ġenerazzjoni żagħżugħa, li għandha tkun aktar minn qatt qabel fil-qalba tat-tħassib tagħna. Il-Kumitat beħsiebu għalhekk jibda diskussjoni trasversali u sistemika dwar din il-kwistjoni, sabiex jikkontribwixxi għad-definizzjoni ta' viżjoni li twassalna sal-2050. Huwa beħsiebu jibda l-ħidma tiegħu matul il-Presidenza Maltija sabiex jikkontribwixxi għal diskussjoni innovattiva fil-livell Ewropew, peress li r-rispons nazzjonali mhux ser ikun biżżejjed.

Fuq talba tal-Presidenza Maltija, il-KESE ser joħroġ ukoll Opinjoni esploratorja dwar it-**turiżmu nawtiku u marittimu**. Din l-Opinjoni ser tiffoka fuq strateġiji innovattivi għall-iżvilupp ta' ambjent aktar **kompetittiv u sostenibbli** fl-Ewropa.

Il-KESE huwa wkoll attiv ħafna fil-qasam tar-**Riċerka u l-Innovazzjoni** u bħalissa qed iħejji rapport ta' informazzjoni dwar l-evalwazzjoni interim tal-Orizzont 2020 li ser jintbagħat lill-Kummissjoni Ewropea fl-ewwel kwart tal-2017.

Rigward il-bidla industrijali, l-**industrija tal-karozzi** bħalissa qed tiffaċċja **l-akbar trasformazzjoni** tagħha mill-invenzjoni tal-linja tal-immuntar s'issa, u dan jista' jwassal għal rivoluzzjoni industrijali ġdida. Il-KESE ser isegwi mill-qrib u janalizza l-iżviluppi relatati ma' dan is-settur u, barra minn hekk, ser iħares lejn l-effetti **tad-diġitizzazzjoni u l-mudelli ta' negozju innovattiv** fuq l-industrija finanzjarja Ewropea, b'attenzjoni speċjali għall-impatt tagħhom fuq l-impjiegi u l-klijenti.

Il-Kumitat ser jikkontribwixxi b'mod attiv għar-rieżami li għaddej tal-**Istrateġija Globali tal-UE dwar il-Politika Estera u ta' Sigurtà**, kif ukoll dwar l-oqsma ewlenin tal-politika esterna tal-UE, bħall-**kummerċ, it-tkabbir, il-viċinat u l-iżvilupp**, id-dimensjoni esterna tal-politiki ewlenin tal-UE, l-**implimentazzjoni tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli**, u r-rispett tal-**istandards ambjentali u tax-xogħol deċenti fil-kummerċ internazzjonali**.

Il-promozzjoni tal-**migrazzjoni legali**, sħubijiet Ewro-Mediterranji u bejn l-UE u l-Afrika aktar integrati, u soċjetà ċivili aktar koeżiva fil-pajjiżi tan-Nofsinhar ser tkun ukoll suġġett ewlieni fl-attivitajiet relatati mal-**viċinat u l-pajjiżi Afrikani**, b'segwitu speċjali tal-**Fond Ewropew għall-Iżvilupp Sostenibbli**. Rigward il-**Ġirien tal-Lvant**, il-kontribut attiv tal-Pjattaformi tas-Soċjetà Ċivili mal-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna ser ikun il-prijorità ewlenija.

Il-Kumitat ser jagħti segwitu għan-**negozjati kummerċjali tal-UE** u l-monitoraġġ mis-soċjetà ċivili tal-ftehimiet tal-UE. Ser tingħata attenzjoni speċjali lill-ftehimiet ta' kummerċ ħieles mal-**Kanada**, l-**Ukrajna**, il-**Moldova** u l-**Georgia**, kif ukoll in-negozjati mal-**Istati Uniti**, il-**Ġappun**

. . .



u oħrajn. Il-Presidenza ser tiġi mistiedna biex tagħmel segwitu tal-ħidma tal-KESE dwar l-oqsma tal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli f'dawk il-ftehimiet.

Il-Presidenza Maltija se tkun assoċjata mal-ħidma tal-KESE dwar il-**politika tat-tkabbir** tal-UE u se tiġi mistiedna għall-Forum tas-Soċjetà Ċivili UE-Balkani tal-Punent. Il-KESE ser isegwi mill-qrib ir-relazzjonijiet bejn l-UE u t-Turkija, speċjalment dwar kwistjonijiet bħall-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali UE-Turkija u l-Ftehim UE-Turkija dwar ir-refuġjati. Fir-rigward tal-**Amerika Latina**, il-Presidenza ser tkun mistiedna tikkontribwixxi għal-laqgħa biennali tal-KESE tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili tal-UE u CELAC. Il-KESE ser isegwi mill-qrib wkoll il-**koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali** bħala parti mill-**politika tal-iżvilupp** tal-UE.

F'konformità mal-prijoritajiet tal-Presidenza Maltija, il-KESE ser jiffoka fuq in-natura speċjali tat-**territorji tal-gżejjer**, jiġifieri l-fatt li l-gżejjer ibatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti. Il-Kumitat ser ikompli wkoll ix-xogħol fuq l-**iżvilupp ta' żoni urbani**, filwaqt li jappoġġja l-implimentazzjoni tal-Aġenda Urbana tal-UE u jiffoka fuq l-irfinar ta' dan il-proġett Ewropew. Barra minn hekk, il-KESE ser ikompli bil-parteċipazzjoni attiva tiegħu fl-implimentazzjoni ta' **strateġiji makroreġjonali** u programmi Ewropej oħra.

Il-KESE ser jikkontribwixxi wkoll għal żviluppi fil-qasam tal-istatistika peress li ser jesprimi l-fehmiet tiegħu dwar proposta dwar **l-estensjoni tal-Programm Ewropew tal-Istatistika**, fejn il-Kummissjoni għandha l-għan li ttejjeb ir-rilevanza, iż-żamma tal-ħin u l-kwalità tal-istatistika Ewropea.

Fil-qasam tal-aġenda diġitali, l-implimentazzjoni tal-istrateġija tas-**Suq Uniku Diġitali** ser tibqa' fil-qalba tal-ħidma tal-Kumitat. Il-Kumitat jappoġġja bis-sħiħ l-integrazzjoni tal-ekonomiji diġitali tal-UE u jippromovi t-tneħħija tal-ostakli nazzjonali għat-tranżazzjonijiet onlajn sabiex jittejbu l-produttività u l-impjieg tal-Ewropa. B'mod partikolari, billi r-regoli tas-Suq Uniku Diġitali ma żammewx mal-pass tat-tibdil teknoloġiku, ser tingħata attenzjoni speċjali lill-evalwazzjoni u r-riforma tal-qafas regolatorju għall-komunikazzjonijiet u s-servizzi elettroniċi, bil-għan li tingħata spinta lill-investiment, li tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta, li jiġu adattati r-regolamenti tas-suq tal-operaturi biex jitrawwem l-użu tal-aċċess tal-ġenerazzjoni li jmiss (NGA) u li tiġi aġġornata u mmodernizzata l-politika tal-ispettru biex tiġi indirizzata d-domanda dejjem tikber taċ-ċittadini tal-UE għall-broadband mobbli. Il-KESE ser jiffinalizza wkoll studju dwar il-big data, u ser jippubblika katalgu tal-aqwa prattiki dwar il-bliet u l-gżejjer intelliġenti bil-għan li jidentifika dawk il-miżuri meħtieġa biex titjieb il-kwalità tal-ħajja, u jitnaqqsu l-faqar u l-qgħad.

F'Malta, il-KESE beħsiebu jorganizza konferenza dwar **L-Ewropa Diġitali u t-Tibdil Industrijali**, b'enfasi fuq l-Industrija 4.0, dwar id-diġitalizzazzjoni fis-setturi Ewropej tal-finanzi, tal-industrija tal-karozzi u tal-kura tas-saħħa, u bl-għan ta' impatt fuq l-impjieg, it-taħriġ, ix-xjenza u s-soċjetà.

Il-KESE ser jibni fuq l-Opinjonijiet preċedenti tiegħu dwar l-**Unjoni Ewropea tal-Enerġija** u ser ikompli jikkontribwixxi b'aktar proposti leġislattivi speċifiċi. Il-Kumitat għandu l-għan li jiġbed l-attenzjoni b'mod partikolari lejn l-importanza li tissaħħaħ aktar il-governanza tal-Unjoni tal-Enerġija, b'mod partikolari billi jittejjeb ir-rappurtar annwali dwar il-progress li jkun sar biex intlaħqu l-objettivi tal-Unjoni tal-Enerġija, u billi tissaħħaħ il-vuċi tas-soċjetà ċivili fil-proċess. It-titjib tal-governanza b'dawn il-modi huwa, fil-fehma tal-Kumitat, prerekwiżit importanti biex jiġu identifikati d-diversi perspettivi, ħtiġijiet u riżorsi madwar l-UE u biex toħroġ iżjed fid-dieher il-ħtieġa għal aktar koordinazzjoni u solidarjetà fost l-Istati Membri. Il-koordinazzjoni u s-solidarjetà jidhru li huma partikolarment rilevanti issa li l-UE qed tirrevedi l-politiki tagħha dwar is-sigurtà tal-enerġija, is-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u l-effiċjenza enerġetika fil-kuntest tal-Ftehim ambizzjuż ta' Pariġi u taż-żieda tat-tensjonijiet ġeopolitiċi. Il-KESE jappoġġja l-isforzi tal-UE biex ittejjeb il-governanza billi tippromovi l-idea tad-**Djalogu Ewropew dwar l-Enerġija**, djalogu mas-soċjetà ċivili b'mod parallel mal-Unjoni tal-Enerġija li jilħaq il-qofol tiegħu kull sena fit-tweġiba tal-Kumitat għar-rapport tal-Kummissjoni Ewropea dwar "L-Istat tal-Unjoni tal-Enerġija".

Il-Kumitat ser ikompli jiffoka l-ħidma tiegħu fuq iż-żamma u t-titjib tal-kompetittività tas-**settur Ewropew tat-trasport**. L-implimentazzjoni tal-**Istrateġija tal-Avjazzjoni għall-Ewropa** ser tiġi ssorveljata mill-qrib, sabiex jiżdied il-momentum u tingħata spinta lill-appoġġ tal-partijiet interessati għall-implimentazzjoni effettiva tagħha. Bħala sostenitur leali ta' suq uniku reali għat-**trasport marittimu**, il-Kumitat jilqa' l-għażla tal-2017 bħala s-sena marittima Ewropea. Il-KESE ser jagħti segwitu għall-kontroll tal-idoneità minnaħa tal-Kummissjoni tal-leġislazzjoni marittima tal-UE u r-REFIT tal-leġislazzjoni marbuta mat-Taħriġ tal-Baħħara.

Il-KESE ser jippromovi wkoll l-implimentazzjoni tal-**Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-politika tat-TEN-T**. F'dan il-kuntest, il-Kumitat ser ikompli jespandi d-djalogu parteċipattiv bejn l-awtoritajiet pubbliċi u s-soċjetà ċivili, b'mod partikolari dwar ċerti kurituri ewlenin tan-netwerk TEN-T, bil-għan li jittejbu l-fehim u l-aċċettazzjoni tal-miżuri tal-politika tat-trasport u l-kwalità u l-effiċjenza tad-deċiżjonijiet li għandhom jittieħdu.

Fl-aħħar nett, ser jiġu enfasizzati l-kwistjonijiet ta' attwalità, bħalma huma d-dekarbonizzazzjoni tat-trasport u l-impatt tal-COP21 fuq il-politika Ewropea tat-trasport, il-big data u l-impatti soċjetali tagħha, ir-regolazzjoni tal-attivitajiet tal-ekonomija kollaborattiva fil-qasam tat-trasport, l-aċċess għas-suq, u d-dimensjoni soċjali tas-settur.

# Kelmtejn mill-Presidenza Maltija



***Dr Ian BORG***
*Segretarju Parlamentari*
*għall-Presidenza tal-UE 2017*
*u għall-Fondi tal-UE*

Il-Presidenza b'rotazzjoni tal-Kunsill tal-UE tagħti opportunità politika, ekonomika u kulturali unika lil Malta. Peress li din inzertat fi żmien ta' sfidi li qatt ma esperjenzajna bħalhom qabel, hija toffri opportunità eċċellenti biex il-kuraġġ politiku, it-tmexxija b'saħħitha u l-vuċi indipendenti u ċara ta' Malta jkunu strumentali biex jgħaqqdu aktar lill-Unjoni għall-ġid komuni taċ-ċittadini Ewropej.

Il-ħiliet u r-riżorsi ta' Malta ser jitpoġġew taħt prova severa. Madankollu, aħna m'aħniex ser inkunu waħedna u, li nagħtu xhieda li nistgħu nagħmlu ferm aktar milli hu mistenni minnha, ser ikun ta' valur kbir fit-tiswir tal-legat tal-Presidenza għall-Istat u għall-Unjoni. Barra minn hekk, Malta għandha l-potenzjal li timplimenta programmi ta' politika (jew dossiers) importanti maħsuba biex jiġġeneraw it-tkabbir ekonomiku u l-impjiegi, jiżguraw l-istabbiltà finanzjarja, isaħħu s-solidarjetà soċjali, itejbu l-aċċess għal swieq ġodda, jiġġieldu t-tibdil fil-klima, jagħmlu progress lejn unjoni tal-enerġija u unjoni diġitali u jħarsu l-fruntieri u s-sigurtà, kollox għall-benefiċċju tal-poplu Ewropewj.

Aħna nqisu l-kollaborazzjoni tagħna mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) bħala ingredjent essenzjali għas-suċċess tal-Presidenza tagħna. Din l-organizzazzjoni hija pont bejn l-istituzzjonijiet ta' Brussell u l-poplu Ewropew, pont li minnu jistgħu jgħaddu l-ideat u d-djalogu. L-istess bħall-KESE, nimpenjaw ruħna li nwasslu l-proċess Ewropew eqreb lejn iċ-ċittadin individwali, u li dan nagħmluh aktar komprensibbli. Xi kultant ser ikollna nisfidaw, nikkritikaw b'mod kostruttiv, u niddiskutu sabiex nilħqu ftehimiet aħjar u aktar b'saħħithom u ntejbu t-tfassil tal-politika sabiex din taqdi lin-nies bl-aqwa mod possibbli fil-ħajja tagħhom ta' kuljum. F'dan ir-rigward, aħna u l-KESE nħaddnu l-istess viżjoni!

Il-Presidenza tagħna qed isseħħ fi żmien meta l-isforzi tal-Kummissarji u tal-mexxejja tal-UE qed jikkonċentraw bis-sħiħ fuq il-kisba tar-riżultati. Ser ikun hemm għadd ta' dossiers importanti fuq l-aġenda tagħna, u ser ikollna nieħdu deċiżjonijiet diffiċli dwar fejn għandna nimmiraw l-isforzi tagħna. Aħna nimpenjaw ruħna għal Presidenza definita mhux mir-retorika iżda mir-riżultati, u qsamna xogħolna skont il-prijoritajiet li taraw f'dan id-dokument. Nixtieq niddiskuti tlieta minn dawn fid-dettall hawnhekk.

Il-migrazzjoni hija waħda mill-akbar kwistjonijiet transnazzjonali ta' żmienna, u waħda li jiena nemmen ser tkompli żżid fl-importanza. Parti mill-attrazzjoni tal-UE għall-migranti hija dovuta għas-suċċess tagħha, u fost iċ-ċiniżmu dwar il-proġett Ewropew li nsibu fuq skala wiesgħa, m'għandniex nistħu nfakkru lin-nies dwar dan – il-wegħda tiegħu ta' sistema bbażata fuq ir-regoli, imsejsa fuq valuri kondiviżi, li toffri lill-individwi li jkunu għadhom kif waslu l-prospett ta' impjieg, saqaf fuq rashom u edukazzjoni għal uliedhom hija element ta' attrazzjoni kbira. L-Ewropa toffri lil dawk li jisfaw b'xejn tama għall-futur meta l-postijiet li jkunu qed jitilqu minnhom ħafna drabi ma joffruhiex.

Madankollu, flimkien, għandna nkunu kapaċi nħarsu l-fruntieri tagħna u naqsmu l-piż b'mod aktar ugwali fir-rigward tal-ġestjoni tal-individwi li jkunu għadhom kif waslu. F'dan ir-rigward, il-ħidma tagħna għall-futur ser tkun definita minn riformi importanti li jsaħħu s-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil u, b'mod partikolari, ir-Regolament ta' Dublin. Wara s-Summit bejn l-UE u l-Afrika dwar il-Migrazzjoni li ospitajna fil-Belt Valletta fl-2015 irridu niżguraw li nagħtu segwitu għall-ftehimiet li saru hemmhekk, u niżguraw li niddefinixxu aħjar id-drittijiet u r-responsabbiltajiet fuq iż-żewġ naħat fin-negozjati tagħna mal-pajjiżi terzi, speċjalment fl-Afrika ta' Fuq u fl-Afrika sub-Saħarjana, sabiex inkunu nistgħu nindirizzaw ħafna mill-kawżi sottostanti tal-migrazzjoni ekonomika minn dawn ir-reġjuni.

It-titjib tal-funzjonament tas-Suq Uniku, b'mod partikolari fil-qasam tal-kummerċ diġitali, iwitti t-triq għall-prosperità ekonomika futura taċ-ċittadini tagħna, li jippermettilna nibnu Ewropa li tkompli toffri kundizzjonijiet indaqs u opportunitajiet għal kulħadd – lill-ħaddiema, lil dawk li jħaddmu u lill-konsumaturi. Irridu nibnu fuq il-ħidma ta' Presidenzi preċedenti billi fl-aħħar neliminaw it-tariffi tal-mowbajls u tad-data roaming għaċ-ċittadini Ewropej madwar l-Unjoni kollha, miżura tanġibbli li ser tagħmel differenza għal miljuni ta' nies li jkunu fuq vaganza, qed jaħdmu jew jivvjaġġaw barra mill-pajjiż. Irridu nagħtu ħarsa wkoll lejn kif ser indaħħlu regolamenti uniformi għal oqsma bħall-ispejjeż onlajn marbutin mal-konsenji, u rridu nnaqqsu l-imblukkar ġeografiku sabiex jiġu evitati prattiki diskriminatorji li jitfgħu lill-konsumaturi fi żvantaġġ.

Fl-aħħar nett, irridu nappoġġjaw approċċ progressiv f'dak li jirrigwarda kwistjonijiet soċjali matul il-Presidenza tagħna. Qasam wieħed ta' tħassib speċjali huwa li jissaħħaħ il-messaġġ li

l-vjolenza kontra n-nisa ma tistax tiġi ttollerata. Aħna nimpenjaw ruħna li dan niġġilduh billi nwittu t-triq għal leġislazzjoni pan-Ewropea li tindirizza l-problema. Ser nkunu qed naħdmu wkoll mill-qrib mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi sabiex titjieb il-parteċipazzjoni tan-nisa fis-suq tax-xogħol, u biex tiġi approvata l-proposta għal Direttiva dwar it-titjib tal-bilanċ bejn is-sessi fost id-diretturi tal-kumpaniji elenkati. Malta ser torganizza Konferenza f'Livell Ministerjali dwar kwistjonijiet li jolqtu lill-individwi LGBTIQ sabiex isir aktar progress fil-pjan direzzjonali tal-Kummissjoni Ewropea f'dan il-qasam.

Malta hija stat nazzjon kburi, li huwa kburi wkoll li hu Ewropew. Irridu nkejlu s-suċċess tagħna permezz tal-kapaċità tagħna li noħolqu soluzzjonijiet politiċi li jaqdu lin-nies kollha tal-Ewropa. Il-Presidenza toffri opportunità straordinarja biex insemmgħu leħinna u biex nakkwistaw il-kredibbiltà għall-UE billi nikkomunikaw b'mod miftuħ u onest, filwaqt li nsibu wkoll modi ġodda biex nuru d-differenza pożittiva li d-deċiżjonijiet meħuda fi Brussell jistgħu jagħmlu fil-ħajja tan-nies.

Ninsabu ħerqana biex nilqgħu dawn l-isfidi u biex naħdmu mal-KESE. Il-kapaċità tagħna li nisimgħu, li nlaqqgħu flimkien lin-nies, li nikkonsultaw, u li niggwidaw ser tkun kruċjali biex jinkiseb suċċess ġenwin f'livell pan-Ewropew.

**_Dr Ian BORG_**
*Segretarju Parlamentari*
*għall-Presidenza tal-UE 2017*
*u għall-Fondi tal-UE*



# Tagħrif bażiku dwar Malta

| | |
|---|---|
| **Isem uffiċjali** | Repubblika ta' Malta |
| **Belt kapitali** | Il-Belt Valletta |
| **Erja** | 316 $km^2$ |
| **Bliet ewlenin oħra (mil-lat ta' popolazzjoni)** | Qormi, Żabbar, Żebbuġ |
| **Lingwa nazzjonali** | Il-Malti |
| **Lingwi uffiċjali** | Il-Malti u l-Ingliż |
| **Munita** | L-euro |
| **Popolazzjoni (31/12/2015)**[1] | 420 501 |
| **Popolazzjoni mwielda barra mill-pajjiż (1/12/2015)**[2] | 42 430 |
| **PDG fi prezzijiet kurrenti (f'miljuni ta' euro, 2015)**[2] | 20 300 |
| **PDG per capita (skont l-istandards tal-kapaċità tal-akkwist) [PPS], UE-28 = 100, 2015)**[2] | 89 |
| **Impjieg domestiku (2016)**[2] | 176 368 |
| **Rata ta' impjieg (persuni ta' bejn il-15 u l-64 sena, 2015)**[2] | 63.9% |
| **Rata tal-qgħad (2016)**[2] | 4.9% |
| **Stennija tat-tul tal-ħajja fit-twelid (2015)**[1] | Nisa: 84.20 / Rġiel: 79.80 |
| **Esportazzjonijiet ewlenin (% tal-esportazzjonijiet totali, 2015)**[3] | Makkinarju u tagħmir elettriku<br>Karburanti minerali, żjut u prodotti minerali<br>Prodotti farmaċewtiċi |
| **Importazzjonijiet ewlenin (% tal-importazzjonijiet totali, 2015)**[3] | Karburanti minerali, żjut u prodotti minerali<br>Bastimenti, dgħajjes u strutturi li jżommu f'wiċċ l-ilma<br>Makkinarju u tagħmir elettriku |

1 *http://countrymeters.info/en/Malta*
2 *Eurostat*
3 *Trademap*



# Għad-djarju tiegħek

**22 ta' Frar 2017** – **Il-Ftuħ tal-Wirja** – *Textures of memory* ta' Joe P Smith (Brussell)

**21 ta' Marzu 2017** – **Jum Ewropew tal-Konsumatur** (Malta)

**23 – 24 ta' Marzu 2017** – **Laqgħa tal-Grupp ta' Interessi Varji** (Malta)

**11 – 12 ta' Marzu 2017** – **Laqgħa tal-Grupp tal-Ħaddiema** (Malta)

**11 – 12 ta' Marzu 2017** – **Laqgħa tal-Grupp ta' Min Iħaddem** (Malta)

**31 ta' Mejju 2017** – **Lejla Maltija u l-Ftuħ tal-Wirja** – *Regnum* ta' Kris Micallef (Brussell)

**22 – 23 ta' Ġunju 2017**– **Laqgħa annwali tal-Presidenti u s-Segretarji Ġenerali tal-KES nazzjonali tal-UE u l-KESE** (Malta)

**5 ta' Lulju 2017** – **Plenarja tal-KESE** – *preżentazzjoni tar-riżultati tal-presidenza Maltija* (Brussell)

*Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew*

Rue Belliard/Belliardstraat 99
1040 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

Persuna inkarigata mill-pubblikazzjoni: Unità taż-Żjajjar u l-Pubblikazzjonijiet
EESC-2016-63-MT

**www.eesc.europa.eu**

© L-Unjoni Ewropea, 2017
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali.

"Għal kwalunkwe użu jew riproduzzjoni ta' ritratt, il-permess għandu jintalab direttament mid-detentur tad-drittijiet tal-awtur.
p. 6 – @Shutterstock.com/TheLiftCreativeServices
p. 11 – @Shutterstock.com/Chantal de Bruijne
p. 14-15 – @Shutterstock.com/TheLiftCreativeServices
p. 17 – @Shutterstock.com/gagarych

*Print:*
QE-04-16-837-MT-C
ISBN 978-92-830-3247-2
doi:10.2864/341760

*Online:*
QE-04-16-837-MT-N
ISBN 978-92-830-3251-9
doi:10.2864/398217

MT